# Il-Ħadd 11.01.2015

1. Il-Ħamis 15/01:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

2. Il-Ġimgħa 16/01:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

3. Is-Sibt 17/01:
   - Fis-6:30pm, quddiesa speċjali mmexxija minn Mons. Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji li żżewġu matul is-sena 2014.

4. Il-Ħadd 18/01, **Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**:
   - Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara bit-tema:
     *Ġesù qalilha: "***Agħtini nixrob***." (Ġwanni 4, 7)*
   - Fl-10:45am - Ftuħ u Tberik ta' Wirja Pawlina fil-Palazz Gollcher
     (li dan l-aħħar sar parti mill-Każin San Pawl).
     imtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl
     Ħinjiet: Matul il-ġimgħa 19-23/01: 6:00pm - 9:00pm
     Is-Sibt 24/01: 10:00am - 9:00pm

5. Avviżi oħra:
   - Mit-Tlieta 13/01 sal-Ħamis 15/01, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq minħabba li bħala Kappillan, jien fid-dmir li nkun preżenti għal-Live-In tal-Kappillani li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat. Min ikollu xi diffikultà urġenti javviċina lil Dun Ivan Scicluna, wieħed mis-saċerdoti li qed jiġi jgħin fil-quddies.
   - Matul din il-ġimgħa ser jitqassam il-magazin *Flimkien* ta' Jannar flimkien mad-Djarju-Direttorju Parrokkjali. Min hu responsabbli mit-tqassim jista' jidħol jiġborhom fis-sagristija min-nhar it-Tlieta 13/01 jew l-Erbgħa 14/01 'il quddiem.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja
     u r-restawr ta' San Pawl;
   - € 130 mill-lotterija tal-Epifanija b'risq dan il-għan;
   - € 295 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.